# Il-Ħadd 26.04.2015

1. Illum 26/04, **ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet**:
   - Fit-8:15am: Quddiesa Vokazzjonali bil-preżenza ta' seminarista.

   Fil-Parroċċa tagħna ser infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI** –
   Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (417-il sena) li seħħ nhar it-13/04/1598.
   - Fl-10:00am – Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali
     u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u tar-raħal tagħna.
   - Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 27/04: Triq id-Dolmen, Triq Ġwann Zammit, Triq in-Newba.
   - It-Tlieta 28/04: Triq Ta' Ġawhar, Triq Qerd in-Naħal.
   - L-Erbgħa 29/04: Triq il-Biedja, Triq il-Feniċi, Triq Dun Karm Vella.
   - *Il-Ħamis ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 01/05: *Ma jsirx Tberik.*

3. Il-Ħamis 30/04:
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ġimgħa 01/05, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar - **Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

5. Is-Sibt 02/05:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:00pm, quddiesa speċjali fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Familja mmexxija minn Mons. Arċisqof Emeritus Pawlu Cremona o.p., fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Familji.

6. Il-Ħadd 03/05, **il-Ħames Ħadd tal-Għid**:
   - Fl-10:00am ikollna Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

7. Avviżi oħra:
   - Bħala parti mir-riċerka li qed nagħmlu, flimkien mal-*Atelier del Restauro*, marbuta mar-restawr ta' San Pawl, qed nikkonsultaw ritratti antiki. Għaldaqstant min għandu xi ritratt/i antiki li juru l-istatwa ta' San Pawl tal-parroċċa tagħna, mitlub javviċinani.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 325 bħala ġabra speċjali f'Jum il-Karità;
   - € 255 minn ħarġa li kellna għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl;
   - € 5 bħala donazzjonijiet bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.